MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1499/2004

**Untours Insurance Agents Limited.**

**vs**

**Galea Insurance Brokers Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Lulju 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u sittin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm160.73) rapprezentanti bilanc dovut fuq assikurazzjoni ta' karozzi skond ma jirrizulta mill-*istatements* immarkati Dok. A u B u annessi mal-Avviz tat-Talba.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet illi t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex thallas l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.

Sema’ x-xhieda ta’ Raymond Schembri u ta’ Rosanne Galea. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta li l-partijiet kellhom relazzjoni kummercjali bejniethom permezz tal-liema is-socjeta’ attrici kienet tohrog poloz ta’ assiklurazzjoni fuq *trailers* propjeta’ ta’ klijenti tas-socjeta’ konvenuta. Din tal-ahhar kienet thallas pagamenti akkont tal-prezz ta’ dawn il-poloz u kienu jintbaghtu *statements* regolari. Ir-relazzjonijiet kummercjalli bejn iz-zewg partijiet gew terminati ghaliex is-socjeta’ attrici ma baqghetx tohrog poloz ta assikura\zjoni fuq *trailers.* Saru l-konteggi bejn il-partijiet u wara li tnaqqsu xi ammonti li s-socjeta’ attrici kellha thallas fuq *claims* maghmula minn assikurati klijenti tas-socjeta’ konvenuta u wara li tnaqqas l-ammont li s-socjeta’ konvenuta kienet hallset akkont, kien ghad fadal jithallas il-bilanc li jifforma s-sorte f;din il-kawza.

Is-socjeta’ konvenuta tirrikonoxxi li ghad jonqos li jithallas dan il-bilanc izda ssostni wkoll li hemm lok li ssir tpacija mal-ammont ta’ Lm160.00 li s-socjeta’ attrici kellha thalalsha bhala rifuzjoni ta’ *premium* fuq polza ta’ assikurazzzjoni li giet kancellta stante li t-*trailer* in kwistjoni kien inbiegh. Is-socjeta’ konvenuta tispjega li s-socjeta’ attrici nonostante li rrirkonoxxiet li tali ammont kien dovut lis-socjeta’ konvenuta baqghet qatt ma harget il-*credit note* relattiiva. Mid-dokuementi esebiti a fol. 25 u 26 tal-process effettivament jirirzulta li kien hemm kancellament ta’ polza izda ma ngabet ebda prova da parti tas-socjeta’ konvenuta dwar kemm kien l-ammont li effettivment kellu jithallas mis-socjeta’ attrici bhala rifuzjoni ghal tali kancellament jew altrimenti rikonoxximent bil-miktub da parti tas-socjeta’ attrici li tali rifuzjoni kienet dovuta. Fil-fehma tat-Tribunal ma jistghax jitqies li jezistu r-rekwiziti sabiex ikun hemm tpacija.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta’

konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u sittin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm160.73), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------